**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' FRAR, 2002

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 1407/01AE**

**Elmo Insurance Agency Ltd**

**vs**

**Ramadan Ertugrul.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm386.29), bilanc ta' somma akbar dovuta bhala *premia* fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga favur tieghu kif ukoll favur huh Adam Ertugrul li l-konvenut accetta u assuma u obbliga ruhu wkoll li jhallas.

Ra li l-konvenut għalkemm jirriżulta debitament notifikat naqas milli jikkontesta dawn il-proceduri u ma deherx fis-seduti.

Semgħa lir-rapprezentant tas-soċjeta attriċi jikkonferma li sal-lum tħallset biss is-somma ta' ħamsin lira Maltija (Lm50) bħala ħlas akkont.

Ra n-nota ta' riduzzjoni li ġiet preżentata mis-soċjeta attriċi.

Għal dawn il-motivi t-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċidi l-kawża billi jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm336.29), ħlas dovut bħala ħlas ta' *premia* fuq poloz ta' assikurazzjoni.

Bl-ispejjeż (inklużi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Ġudikatur**